MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-8 ta' Frar, 2017

Rikors numru: 160/15LM

**Diretturi Armando Chircop (K.I. 414547M), Xuemei Hu (K.I. 40312L), Lang Chao Li (K.I. 142011L) in rappreżentanza tas-soċjetà Anbao China Company Limited[1]**

**vs.**

**Kontrollur tad-Dwana u b'digriet tad-29 ta' Mejju, 2015 dan ġie jaqra Direttur Ġenerali (Dwana)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tas-soċjetà **Anbao China Company Limited**, (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà rikorrenti") ippreżentat fl-20 ta' Frar, 2015, li jgħid kif ġej:

[1] Kif korrett b'digriet mogħti fit-12 ta' Ottubru, 2015.

*Illi permezz ta' Nota ta' Qbid tad-29 ta' Diċembru, 2014 li ġġib in-numru 148/2014, u li għanda data tal-Qbid 4 ta' Awwissu, 2014, l-intimat Kontrollur tad-Dwana qabad tlieta u disgħin kaxxa ta' fajjenza (tableware) taċ-ċeramika kif indikat fl-istess nota annessa u mmarkata Dokument A.*[2]

*Illi din in-Nota ta' Qbid inħarġet stante li ġie allegat illi kien hemm ksur tal-Artikolu 61(1) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi s-soċjetà rikorrenti oġġezzjonat bil-miktub għal dan il-Qbid permezz ta' Ittra Uffiċjali ppreżentata fit-22 ta' Jannar, 2015 li huwa l-avviż li kien biħsiebha taġixxi quddiem din l-Onorabbli Qorti biex tirriprendi l-pussess tal-oġġetti maqbuda.*

*Ili s-soċjetà rikorrenti toġġezzjona għal dan il-Qbid għaliex mill-fatti kif jistgħu jiġu aħjar ippruvati waqt is-smigħ tal-kawża, ma jirriżultax li kien hemm ksur tal-Artikolu ċitat mill-intimat. Is-soċjetà rikorrenti ingaġġat lis-soċjetà Express Trailers Ltd. li min-naħa tagħha għamlet żball fid-dikjarazzjoni tal-oġġetti maqbuda.*

*Illi għas-soċjetà rikorrenti din kienet l-ewwel darba li impurtat konsenja u żgur illi ma kinitx ser tagħmel jew tippermetti li jsiru dikjarazzjonijiet differenti minn dak li nġieb fil-container.*

*Illi s-soċjetà rikorrenti tiċċita l-Artikolu 61(2) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost is-soċjetà rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li s-soċjetà rikorrenti ma kkommettiet ebda ksur tal-Artiklu 61(1) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Tordna lill-intimat sabiex jirrilaxxa favur is-soċjetà rikorrenti l-merkanzija maqbuda proprjetà tas-soċjetà rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati.*

[2] *A fol.* 3 u 4 tal-proċess.

Rat r-Risposta tad-**Direttur Ġenerali (Dwana)** (minn issa 'l quddiem "l-intimat") li ġiet preżentata fis-16 ta' Marzu, 2015, fejn ġie eċċepit is-segwenti:

1. *Illi in linea preliminari u ai fini ta' kjarezza biss, l-esponenti jixtieq jiċċara li n-nomenklatura tiegħu għandha tkun Direttur Ġenerali (Dwana) u għalhekk għandha issir id-debita korrezzjoni;*

2. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*Illi l-fatti tal-każ huwa s-segwenti:*

- *Illi permezz tan-Nota ta' Qbid bin-numru ta' Referenza 148/2014, l-esponent qabad tlieta u disgħin (93) kaxxa fajjenza mill-container bin-numru ta' referenza MRKU 2040428, li r-rikorrenti importaw permezz tad-dokument datat 24 ta' Lulju, 2014 u li jġib in-numru ta' Referenza TDID 2014602161697;*

- *Irriżulta li effettivament l-imsemmi cointainer kien fih konsenja ta' fajjenza taħt klassifikazzjoni doganali skorretta li ma kinitx tiskatta anti-dumping duty u fuq l-istess konsenja tħallsu ammonti inqas ta' dazju ta' importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud;*

- *Illi peress li l-istess fajjenza ma kenitx dikjarata taħt it-tariffa doganali korretta u dan bi ksur tal-Artikolu 61(1) tal-Kap. 37 (l-Ordinanza tad-Dwana), ma nġabrux ammont sostanzjali ta' flus dovuti lid-Dwana fuq l-istess merkanzija;*

- *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant, l-esponenti bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-kontendenti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Ottubru, 2016 fejn il-partijiet ingħataw żmien għall-preżentata ta' noti ta' sottomissjonijiet u l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-intimat li ġiet ippreżentata fit-12 ta' Jannar, 2017.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Illi s-soċjetà rikorrenti ffurmata minn Armando Chircop, Xuemei Hu u żewġha Lang Chao Li, twaqfet bl-iskop li timporta oġġetti miċ-Ċina. L-episodju mertu ta' din l-kawża kien fil-fatt l-ewwel darba tagħhom li impurtaw merkanzija miċ-Ċina għal Malta. Is-soċjetà rikorrenti esebiet *commercial invoice*[3] tas-soċjetà estera mingħand min impurtat il-merkanzija, fejn l-aħħar *item* huwa indikat bħala *"ceramics".* Meta din il-merkanzija waslet Malta, l-awtoritajiet tad-Dwana ikkonfiskaw dak l-*item*

[3] *A fol.* 44 sa 45 tal-proċess.

partikulari, konsistenti f'93 kaxxa, b'Nota ta' Qbid bin-numru ta' Referenza 148/2014 u dan ai termini tal-artikolu 61(1) tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta[4].

Illi l-intimat isostni li effettivament irriżulta illi l-*container* inkwistjoni kien fih konsenja ta' fajjenza taħt klassifikazzjoni doganali skorretta li fuqha ma kinitx tiskatta *anti-dumping duty* u fuq l-istess konsenja tħallsu ammonti inqas ta' dazju tal-importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud.

Illi s-soċjetà rikorrenti tikkontendi illi din il-klassifikazzjoni doganali skoretta tal-merkanzija importata minnha *(tableware)* saret mill-aġent inkarigat minnha, ċjoè s-soċjetà Express Trailers Limited, li bi żvista indika għall-merkanzija inkwistjoni *HS Code* żbaljat flok dak korrett.

Illi t-*tableware* inkwistjoni, skont id-dikjarazzjoni doganali skorretta li saret mill-aġent inkarigat mis-soċjetà rikorrenti, ċjoè *HS Code* 6912001099 (*ceramic tableware and ceramic kitchenware),* din kellha dazju ta' importazzjoni ta' 5% u VAT ta' 18% fuq il-valur, filwaqt li taħt it-tariffa doganali korretta, ċjoè *HS Code* 6911100090 (porċellana), din kellha dazju ta' importazzjoni ta' 12%, VAT ta' 18% fuq il-valur u 36.1% dazju tal-*anti-dumping.*

[4] "61. (1) Jekk fiż-żmien tal-eżami minn uffiċjal tad-dwana xi oġġetti jkunu jinsabu fi kwantità aktar minn, jew differenti minn, dawk li jkunu jidhru fuq il-fattura tal-esportatur jew li jkunu dikjarati mill-importatur jew mill-aġent tiegħu, f'dak il-każ, minkejja dak kollu li jinsab f'xi disposizzjoni oħra ta' liġi, dawk l-oġġetti li jinsabu żejda jew dawk l-oġġetti differenti għandhom jiġu kkonfiskati....".

Is-soċjetà rikorrenti istitwiet il-proċedura odjerna abbażi tas-subartikolu (2) tal-artikolu 61 tal-Kapitolu 37[5] fejn qiegħda tikkontendi illi dan kien każ ta' żball ġenwin u li għaldaqstant l-oġġetti maqbuda kellhom jiġu rilaxxati.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Illi l-kontestazzjoni bejn il-kontendenti mhix dwar l-klassifikazzjoni doganali korretta tal-merkanzija importata, imma dwar jekk dan kienx verament każ ta' żball ġenwin jew le, jekk tassew ma kienx hemm ebda intenzjoni ta' evażjoni ta' dazju u taxxa mis-soċjetà rikorrenti. U jekk dan kien verament każ ta' żball ġenwin, jekk m'għandiex tiġi applikata s-sanzjoni tat-teħid tal-oġġetti u dawn jintraddu lura, ovvjament wara li jiġi saldat il-ħlas dovut kollu ta' taxxi, dazju ta' importazzjoni, dazju *anti-dumping* u VAT relattiv għal din il-merkanzija skond il-klassifika korretta tagħha.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Mangion *et. vs.* Il-Kontrullur Tad-Dwana**[6] ingħad illi:

> "Qabel ma dina l-Qorti tibda biex tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiġġustifika l-qbid, il-Qorti tirrileva li dwar intenzjoni, il-Qrati tagħna jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ sabiex jiddeċiedu kienx hemm ksur tar-regolamenti, u m'għandhomx japplikaw l-istess b'mod robotiku mingħajr ma jqisu l-komportament ta' dak li jkun. Biex wieħed jiddeċiedi jekk ġewx vjolati jew le d-disposizzjonijiet tal-liġi, irid jitqies l-aġir tal-allegat vjolatur, tant li l-Qorti tal-Appell fil-kawża **Camilleri *vs.***

[5] "61. (2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma għandhomx igħoddu meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li d-diskrepanza tkun ġrat minħabba fi żball ġenwin."

[6] Appelli Inf., 12.03.2013.

> **Kontrollur tad-Dwana**, deċiża fit-13 ta' Mejju, 1985, kienet osservat li l-konfiska ma toperax f'każ ta' negliġenza jew żball ġenwin, u li hemm bżonn l-element intenzjonali biex topera l-konfiska. Fil-fatt, l-artikolu 61 tal-imsemmija Ordinanza, li titkellem fuq konfiska f'każ li tkun tirriżulta diskrepanzi fil-kwantità tal-oġġetti importati, jew fil-valur tal-istess, fis-sub-artikolu (2) jipprovdi li m'għandux ikun hemm din il-konfiska jekk ikun jirriżulta li "d-diskrepanza tkun ġiet minħabba fi żball ġenwin." Biex jiġi konstatat jekk kienx hemm "żball ġenwin", trid issir analiżi tal-komportament kollu tal-importatur, biex il-Qorti tkun tista' tara jekk, fil-fatt, l-allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-liġi kienx wieħed intenzjonali jew le."

Illi fl-evalwazzjoni li trid tagħmel il-Qorti irid jiġi stabbilit jekk id-dikjarazzjoni doganali skorretta saritx b'mod intenzjonali jew le jew kinitx b'riżultat ta' żball ġenwin u dan fl-aħħar mill-aħħar jiddependi mill-komprotament kollu tal-importatur.

**<u>Evalwazzjoni tal-provi</u>**

Illi l-intimat ma ġab ebda prova dwar il-ġenwinità *o meno* tal-komportament tar-rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti u tal-aġenti tagħha. Veru li jispetta lis-soċjetà rikorrenti li ġġib din il-prova, però min-naħa tiegħu l-intimat ma tefa' ebda dubju fuq il-provi ppreżentati mis-soċjetà rikorrenti f'dan ir-rigward. Fuq punt wieħed biss l-intimat ittenta jitfa' dubju dwar il-ġenwinità tar-rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti u dan kien fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-istess intimat fejn isir riferiment għax-xhieda ta' Xuemei Hu:

*"Dr. Fiorella Fenech Vella : Can you confirm that on the 4th of August, 2014 you imported to Malta porcelain articles from China which are subject to importation duty known as anti-dumping duty?*

*Witness : Yes I confirm."*[7]

B'din it-tip ta' domanda l-intimat ipprova jagħti wieħed x'jifhem illi r-rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti kienu ben konsapevoli li qegħdin jevadu t-taxxa, meta mill-provi jirriżulta ampjament bħala fatt illi l-klassifikazzjoni doganali skorretta ma kinitx saret mir-rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti imma kienet tħalliet kompletament f'idejn l-impjegati ta' Express Trailers Limited, il-kumpannija li kienet inkarigata mill-ġarr u t-trasport tal-merkanzija inkwistjoni.

Illi għalhekk il-Qorti mhijiex ser tagħmel riferiment għax-xhieda tad-diretturi tas-soċjetà attriċi, iżda għax-xiehda tal-impjegati ta' Express Trailers Limited li ammettew li l-iżball kien kollu tagħhom. Hekk **Jonathan Abela** manager tal- kumpannija tal-ġarr u trasport Express Trailers Limited xehed:

"Jien dħalt fiha din wara li Jonathan Agius (impjegat ieħor ta' Express Trailers Limited) lesta x-xogħol u kellna kollox ippreparat biex joħroġ il-*container.* Filgħaxija meta d-Dwana kienet diġà magħluqa għax kienet bin-nofstanhari, jien għamilt *checking* tax-xogħol tal-kollega tieghi, li jiġi Jonathan Agius, li fil-prattika tiegħi din nagħmilha spiss, *being* li issa jiena ilni żmien twil nagħmel dan ix-xogħol, ħafna affarijiet u ħafna kodiċi nagħrafhom *by heart*. Għajnejja marru fuq in-numru 12 jekk mhux qed niżbalja tad-dikjarazzjoni fejn beda jirriżultali li jista' jkun li l-*commodity code* li ntuża ma kienx korrett. Irrid niċċara wkoll li d-

[7] *A fol.* 90 tal-proċess.

deskrizzjoni tal-kontenut kienet korretta, jiġifieri l-għaxar diġit minn għaxra, l-aħħar numru biss kien hażin. L-ewwel disgħa kienu tajbin jigifieri l-kodiċi huma għaxra, l-aħħar wieħed ġie mitkub ħazin. Li jaqra *item* li għandu x'jaqsam maċ-ċeramika imma mhux dak li kellna suppost iddikjarat".[8]

In kontroeżami dan ix-xhud qal ukoll illi:

"Aħna s-sinjur (wieħed mill-atturi) ippreżentalna *invoice*. Fuq in-numru 12 kellna l-kelma mitkuba '*ceramic*'. Issa kif nafu *ceramic* jistgħu jkunu ħafna affarijiet. Is-sinjur tana deskrizzjoni li dawk iridu jkunu platti jiġifieri aħna ridna ngħadduhom platti u d-deskrizzjoni tad-Dwana tgħajjat platti, tgħajjat *tableware and kitchenware,* li l-platti jiġu klassifikati taħt *tableware and kitchenware.* Il-problema hija li l-kodiċi nkiteb hazin. L-aħħar diġit, l-għaxar numru nkiteb ħazin. Ried jigi jekk mhux niżbalja 9 u ġie miktub 1."[9]

Illi dan ix-xhud jieħu t-tort fuq il-kumpannija tiegħu stess għall-akkadut, għax kienet ir-responsabbiltà tal-kumpannija tal-ġarr u trasport Express Trailers Limited li tiżgura eżattament taħt liema klassifikazzjoni doganali kellha tidħol il-merkanzija inkwistjoni:

"Le l-importatur qalilna li huma platti. Xogħlna kien li ngħadduhom mal-platti. Jiġifieri l-kodiċi sar ħażin minn naħa tagħna mhux minn naħa tal-importatur. L-importatur kellu l-*invoice* li tgħajjat '*ceramic*'. Kien hemm ftehim bejn il-kollega tiegħi Jonathan u l-importatur li dawk huma platti għax id-deskrizzjoni kienet *ceramic. 'Ceramic'* ma kinitx ċara jekk hux platti jew affarijiet oħra però ikkonfermajna mal-klijent li huma platti u aħna xogħlna kien li ngħadduhom mat-*tableware u kitchenware* if tgħajjat id-deskrizzjoni. Id-deskrizzjoni tgħajjat *tableware and kitchenware,* jiġifieri din li hemm ħazin nerġa' nirrepeti l-aħħar *digit* minn għaxra tal-kodiċi ... ."[10]

[8] *A fol.* 22 u 23 tal-proċess.
[9] *A fol.* 25 tal-proċess.
[10] *A fol.* 25 tal-proċess.

Illi impjegat ieħor tal-kumpannija Express Trailers Limited li ttratta mar-rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti u kien hu li kkompila d-dokumenti tad-Dwana, **Jonathan Agius** xehed:

> "Bħala deskrizzjoni aħna bdejna nippruvaw naraw x'hemm mal-klijent. Issa *at the end* aħna bħala *description* hija saret bħala *'tableware'* jiġifieri eżattament il-kelma kienet qiegħda hemmhekk. Issa hemm fit-tarriffi *HS Code*, ma nafx tafux x'inhu jew le, it-tarriffa fl-aħħar kien hemm bejn numru u ieħor id-differenza, flok ikkuppjajna n-numru t-tajjeb, ikkuppjajna numru ieħor. Inżerta li dan in-numru kien hemm dak differenti fit-tarriffa xi jrid isir. Aħna għalina kien tajjeb għax aħna domna naħdmu bir-reqqa, jiġifieri għamilna naħseb l-isbaħ ġimgħatejn nċemplu lil xulxin. Tant ridna nidħlu fid-dettall, tant ridna nkunu onesti f'dak li għamilna, ridna li jkollna l-affarijiet mingħajr problemi li morna miegħu kif suppost. Fl-aħħar kien hemm *typing error* li rriżulta fiex irriżulta.[11]...
>
> Il-klijent tant daħal magħna, tant anke sirna ħbieb dakinhar li mal-klijent, peress illi kif għidt inti kienet l-ewwel importazzjoni, ippruvajna nidħlu aktar kemm jista' jkun ħalli ovvjament nibdew il-*business* ta' dawn is-sinjuri li hekk riedet, fl-aħħar mill-aħħar riedet li dan il-*business* ikompli jikber, ovvjament tkun xi ħaġa tajba għalihom. Sa dakinhar jiġifieri lanqas aħna ma konna nafu imbagħad fl-aħħar minuta x'ħin erġajna ċċekkjajna l-affarijiet ... ."[12]

Illi in kontroeżami dan ix-xhud qal ukoll:

> "Bażikament il-klijent *one fine day* ġie hemmhekk, xtaqu li nagħmlulhom il-karti biex iqabbduna li ovvjament huwa xogħlna biex ngħaddulhom il-karti tad-Dwana u nġorrulhom il-*container*, s'hemmhekk kien il-ftehim. Ħadet ftit taż-żmien għax ovvjament il-konsenja mhux faċli, kull konsenja nagħtuha speċi l-*attention*, speċjalment tagħhom li kienet l-ewwel darba li kienu ħa jimpurtaw. Ippruvajna

[11] A fol. 32 tal-proċess.
[12] A fol. 32 tal-proċess ukoll.

> ngħinuhom biex kemm jista' jkun toħroġ jew għallinqas ikollhom ix-xogħol kif suppost. Wara kollox nerġa' ngħid li dak huwa l-*aim* tal-kumpannija tagħna, li x-xogħol joħroġ *at the right point at the right time*. Kellna ħafna diskussjonijiet magħhom. Kif għidt fil-bidu x-xogħol mhux faċli tagħhom li kellhom. Kienet xi ħaġa li ridna mmorru tant bir-reqqa speċjalment li ħadet wisq fit-tul naħseb jiena. Imma fl-aħħar mill-aħħar dak huwa xogħlna ... .[13]
>
> ... Aħna sal-aħħar tal-ġurnata sakemm ġejna biex noħorġu u sakemm ġibdulna l-attenzjoni li kien hemm problema, aħna għalina kien tajjeb. Jiġifieri bl-ebda mod il-klijent jew aħna ma ried jinganna, aħna għalina dak kien tajjeb. Sal-aħħar minuta bqajna ngħidu l-istess, sakemm ġie xi ħadd u qalilna isma' dak hemm hekk, hekk u hekk. Jiġifieri aħna bl-ebda intenzjoni ħażina ma kienet ... .[14]
>
> Jien bħala *ceramics* nafha, issa porċellana u x'tip ta' porċellana, jiena eżatt ma nafx. Li naf hu li l-klijent iddireġina b'ċertu mod li aħna wasalna biex nieħdu HS Code. Issa l-HS Code li kellu jkun korrett ma ġiex korrett imdaħħal fis-sistema, *it's a human error*." [15]

Illi wara li semgħet ix-xhieda tar-rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti u tal-impjegati tal-kumpannija Express Trailers Limited, il-Qorti tinsab konvinta li ma kien hemm ebda intenzjoni ta' evażjoni ta' taxxa min-naħa tas-soċjetà rikorrenti u lanqas min-naħa tal-aġenti tagħha. Is-soċjetà rikorrenti qagħdet fuq dak li nkiteb mill-fornitur esteru fuq il-fattura u straħet fuq il-kumpannija tal-ġarr u trasport bħala esperti f'dan il-qasam, għal dawk li huma proċeduri doganali u finalment jirriżulta illi l-iżball li sar kien wieħed ġenwin. Tqis għalhekk li fiċ-ċirkostanzi tal-każ it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti jimmeritaw illi jiġi milqugħa.

---

[13] *A fol. 75* tal-proċess.
[14] *A fol. 76* tal-proċess.
[15] *A fol. 78* tal-proċess.

**<u>Decide</u>**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat u tilqa' t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti b'dan li tordna lill-intimat sabiex fi żmien ġimgħa mil-lum jeħles u jirrilaxxja, mingħajr ebda garanzija, f'idejn is-soċjetà rikorrenti l-merkanzija proprjetà tal-istess soċjetà rikorrenti li kienet ġiet miżmuma mill-intimat permezz ta' Nota ta' Qbid bin-numru ta' referenza 148/2014, u dan wara li s-soċjetà rikorrenti tkun ħallset id-dazju tal-importazzjoni, id-dazju *anti-dumping* u l-VAT kollha dovuta fuq l-istess merkanzija skont il-klassifikazzjoni doganali korretta. L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu mill-intimat.**

Moqrija.